



Brussell, 17 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14620/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0295(NLE)

LIMITE

ENV 1125
WTO 100

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES CoP20) (Samarkand, Użbekistan, 24 ta' Novembru – 5 ta' Diċembru 2025)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet
għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali
fl-Ispicijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES CoP20)
(Samarkand, Użbekistan, 24 ta' Novembru – 5 ta' Diċembru 2025)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerç Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES)¹ li l-Unjoni aderiet magħha permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451² daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1975.
- (2) Skont l-Artikolu XI(3) tas-CITES, il-Konferenza tal-Partijiet tista', fost oħrajn, tadotta deċiżjonijiet biex temenda l-Appendiċijiet tas-CITES.
- (3) Il-Konferenza tal-Partijiet, matul l-20 laqgħa tagħha mill-24 ta' Novembru sal-5 ta' Diċembru 2025 (CITES CoP20), għandha tadotta deċiżjonijiet dwar 51 proposta biex jiġu emendati l-Appendiċijiet tas-CITES, kif ukoll bosta kwistjonijiet oħra relatati mal-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tas-CITES.

¹ Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerç Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (ĠU L 75, 19.3.2015, p. 4, ELI: <http://data.europa.eu/eli/convention/2015/451/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/451 tas-6 ta' Marzu 2015 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerç Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES) (ĠU L 75, 19.3.2015, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2015/451/oj>).

- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fis-CITES CoP20, peress li l-emendi tal-Appendiċijiet tas-CITES ser ikunu vinkolanti għall-Unjoni u diversi deċiżjonijiet oħra, bħal modifiki għal rizzoluzzjonijiet li għandhom jiġu inkorporati fid-dritt tal-Unjoni, ser ikunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006³ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012⁴.
- (5) Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni li għandha tittieħed dwar il-proposti differenti qabel is-CITES CoP20 hija msejsa fuq l-analiżi esperta tal-merti tagħhom, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tas-CITES, fid-dawl tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, kif ukoll tal-konsistenza tagħhom mar-regoli u l-politiki rilevanti tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 tal-4 ta' Mejju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom (ĠU L 166, 19.6.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/865/oj>).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 792/2012 tat-23 ta' Awwissu 2012 li jistipula regoli għat-tfassil ta' permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn ipprovduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 865/2006 (ĠU L 242, 7.9.2012, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2012/792/oj).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-20 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu (CITES CoP20) hija stabbilita fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Meta l-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 x'aktarx ser tkun affettwata minn informazzjoni xjentifika jew teknika ġdida ppreżentata wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u qabel jew matul is-CITES CoP20, jew meta jsiru proposti riveduti jew ġodda f'dik il-laqgħa li dwarhom l-Unjoni ma jkunx għad għandha pożizzjoni dwarhom, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tiġi żviluppata permezz ta' koordinazzjoni fuq il-post qabel ma s-CITES CoP20 tintalab tiddeċiedi dwar dawk il-proposti. F'każijiet bħal dawn, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun konsistenti mal-prinċipji stabbiliti fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President
